**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 280/11**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

***Omissis***

**u**

**Sean Zammit**
**(ID 544686(M))**

**Illum: 12 ta' April 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

*Omissis*

u

**Sean Zammit** ta' 23 sena, iben George u Emanuela nee` Zammit, imwieled il-Pieta`, nhar it-30 ta' Novembru 1986, residenti 'Carmvi' 67, Triq il-Katlan, Attard, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544686(M);

Akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-22 ta` Ġunju 2010, ġewwa l-Ħamrun, kif ukoll f'dawn l-aħħar xahrejn, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

a) Ikkoltivaw l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Aktar talli kellhom fil-pussess tagħhom l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

c) Kif ukoll talli fl-istess ċirkostanzi ikkommettew dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

U lil Sean Zammit waħdu talli:

d) Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. M. Hayman LL.D. u kkonfermatha mill-Qorti tal-Appell, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduti tal-14 ta' Jannar 2015, tal-15 ta' Mejju 2015 u tal-1 ta' Frar 2016 rispettivament, l-avukat difensur tal-imputat Sean Zammit u l-Prosekuzzjoni iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi minkejja li l-proċeduri odjerni bdew kemm fil-konfront ta' Sean Zammit kif ukoll fil-konfront ta' *omissis*, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni bi qbil mad-difiża, talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju biex b'hekk fir-rigward tal-imputat *omissis*, il-proċess seta' jgħaddi għat-trattazzjoni finali u għas-sentenza[1];

---

[1] Ara a fol. 191 tal-proċess.

Rat illi fl-istess seduta, il-kawża fil-konfront tal-imputat odjern baqgħet differita għall-provi tiegħu;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2022, id-difiża ddikjarat li kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **John Muscat**, Deputat Reġistratur, esebixxa proċess verbal redatt mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera dwar "*sejba tal-pjanta tal-cannabis fil-fond Spencer Store, Triq l-Għasafar, Ħamrun nhar it-22 ta' Ġunju 2010*", mil-liema jirriżulta illi ġew nominati diversi esperti sabiex jassistu f'dan il-każ.[2]

2. **PS 74 Mark Chetcuti** nominat fl-atti tal-inkjesta bħala *Scene of Crime Officer*, esebixxa r-relazzjoni tiegħu, mil-liema jirriżulta illi huwa aċċeda ġewwa l-fond *Spencer Store*, Triq l-Għasafar, Ħamrun dakinhar stess tat-22 ta' Ġunju 2010 u hemmhekk għamel xi eżamijiet għal evidenza ta' impronti diġitali permezz ta' *powders* u pniezel f'dawk il-postijiet li kienu relevanti u eleva ħames *lifters* li ġew dokumentati hekk:

| | |
|---|---|
| Dok10 BFL 301 | Marki misjuba fuq ix-xifer tal-bank min-naħa ta' barra; |
| Dok10 BFL 302 | Marki misjuba fuq ix-xifer tal-bank min-naħa ta' barra wara l-*cash register*; |
| Dok10 BFL 303 | Marki misjuba minn fuq il-*cash counter* minn ħdejn il-*cash register*; |
| Dok10 BFL 304 | Marki misjuba minn fuq ix-xifer tal-ħajt tat-*toilet;* |
| Dok10 BFL 305 | Marki misjuba minn fuq il-ħajt tal-kamra ta' ġewwa. |

In oltre mill-istess fond, l-istess PS 74 Mark Chetcuti eleva s-segwenti oġġetti li ġew indikati lilu:

[2] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 16 *et seq* tal-proċess.

| | |
|---|---|
| Dok10 BFL 201 | Biċċa *foil* kbira li kienet imwaħħla mal-ħajt tal-fond li ġiet mgħoddija lill-espert PS 659 Jeffrey Hughes ġewwa l-laboratorju forensiku sabiex ikompli jagħmel eżamijiet fuqha; |
| Dok10 BFL 202 | Biċċiet ta' weraq elevati minn ġo bin abjad taż-żibel li ġew mgħoddija lill-espert Godwin Sammut; |
| Dok10 BFL 203 | Borża tal-plastik trasparenti kontenenti kristalli żgħar bojod li ġiet mgħoddija lill-espert Godwin Sammut; |
| Dok10 BFL 204 | Kaxxa tal-kartun bil-kliem '*Care citric acid monohydrate'* u borża trasparenti kontenenti trab abjad elevati minn ġo barmil li kien fuq is-suffett fil-kamra ta' ġewwa li ġew mgħoddija lill-espert Godwin Sammut; |
| Dok10 BFL 205 | Borża tal-karti kannella kontenenti trab abjad li ġiet mgħoddija lill-espert Godwin Sammut; |
| Dok10 BFL 206 | Żewġ pjanti żgħar li kienu ġewwa żewġ kontenituri suwed, kif ukoll żewġ kontenituri trasparenti li ġew mgħoddija lill-espert Godwin Sammut; |
| Dok10 BFL 207 | Żewġ boroż tal-plastik tal-fertiliżżant misjuba fil-kamra ta' barra ġewwa l-fond li ġew mgħoddija lil PS 659 Jeffrey Hughes għal aktar analiżi min-naħa tiegħu; |
| Dok10 BFL 208 | Pjanta ta' lewn aħdar twila 82 ċm li ġiet mgħoddija lill-espert Godwin Sammut.[3] |

3. Mir-relazzjoni ta' **PC 453 Brian Cassar**, nominat fl-inkjesta bħala *Scene of Crime Officer*, jirriżulta li ttieħdu sitta u ħamsin (56) ritratt fil-fond in kwistjoni, liema ritratti juru l-ambjenti tal-istess fond, kif ukoll l-oġġetti li nstabu.[4]

4. Mir-relazzjoni tal-espert **PS 659 Jeffrey Hughes**, nominat fil-mori tal-inkjesta bħala espert forensiku, sabiex *inter alia* jagħmel xogħol ta' tiftix

[3] Ara din ir-relazzjoni esebita bħala Dok. MC, a fol. 33 sa 41 tal-proċess. Dawn l-oġġetti jidhru lkoll fir-ritratti annessi mar-relazzjoni esebita minn PC 453 Brian Cassar (ara a fol. 68 tal-proċess).
[4] Din ir-relazzjoni tinsab esebita bħala Dok. BC, a fol. 62 sa 68 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-istess PC 453 Brian Cassar, a fol. 253 u 254 tal-proċess.

għal impronta diġitali, jirriżulta illi ġew ikkonsenjati lilu dokumenti 10 BFL 201 u 10 BFL 207, kif deskritti fir-relazzjoni ta' PS 74 Mark Chetcuti, kif ukoll fir-relazzjoni tal-istess PS 659 Jeffrey Hughes. Eżami permezz tal-*Crime Lite* fuq Dok. 10 BFL 201 wassal għall-iżvilupp ta' diversi impronta, liema impronta ġew iffotografati u dokumentati bħala Dok. 10 BFL SG1 sa 10 BFL SG105, inklużi 10 BFL SG 8A u 10 BFL 18A.[5]

5. **WPS 297 Reanne Spiteri** tixhed illi fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' *omissis* u Sean Zammit, il-Pulizija aċċediet fir-residenza tagħhom fl-indirizz 46, Thank God, Triq Zahra, fejn kien hemm preżenti *omissis* u l-missier George Zammit, iżda mhux l-imputat odjern. Tfittxija fl-istess residenza rriżultat fin-negattiv. *Omissis* u George Zammit ittieħdu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjonijiet ulterjuri. Ix-xhud tgħid ukoll illi wara ftit tal-ħin, hija ngħatat struzzjonijiet mill-Ispettur Victor Aquilina sabiex tassisti fi tfittxija ġewwa ħanut bl-isem ta' *Spencer Store*, fil-Ħamrun. Tgħid in oltre illi marru f'dan il-ħanut, fejn kien hemm xi ċwievet, fetħu l-istess ħanut u hemmhekk instabet pjanta suspettata tal-*cannabis* u żewġ pjanti oħra, ukoll suspettati tal-*cannabis*, kif ukoll xi weraq niexef. Tgħid illi l-Ispettur Jesmond J. Borg ġie nfurmat b'din is-sejba u niżlu lura lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.[6]

6. Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ odjern, jirriżulta illi huwa ngħata sitt dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` is-segwenti:

   i) *Evidence bag* bin-numru A02392267 li kien issiġillat, iffirmat u mmarkat Dok 10 BFL 202 li fih kien hemm biċċiet tal-weraq niexef;

   ii) *Evidence bag* bin-numru A02392265 li kien issiġillat, iffirmat u mmarkat Dok 10 BFL 203 li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti li kien fiha kristalli ta' lewn abjad;

   iii) *Evidence bag* bin-numru A02392266 li kien issiġillat u mmarkat Dok 10 BFL 204 li fih kien hemm kaxxa tal-kartun bil-kliem "*Citric acid Monohydrate*" u borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm kristalli ta' lewn abjad;

   iv) *Evidence bag* bin-numru C000716790 li kien issiġillat u mmarkat Dok 10 BFL 205 li fih kien hemm borża tal-karti ta' lewn kannella li kien fiha trab ta' lewn abjad;

[5] Ara x-xhieda tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, a fol. 69 u 70 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu li tinsab esebita bħala Dok. JH a fol. 70A sa 147 tal-proċess.
[6] Ara din ix-xhieda a fol. 149 u 150 tal-proċess.

v) *Evidence bag* bin-numru C000716789 li kien issiġillat u li fih kien hemm żewġ pjanti b'żewġ kontenituri ta' lewn iswed u żewġ kontenituri trasparenti.

vi) Weraq ta' lewn aħdar u zkuk u l-għeruq li kienet pjanta.

Illi l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti dwar dawn id-dokumenti:

a) Illi fl-estratti meħuda mill-kristalli u t-trab ta' lewn abjad fid-dokumenti fuq indikati fil-paragrafi (i), (ii) u (iii)[7] ma nstabitx droga;

b) Illi fuq il-weraq tal-pjanti indikati fil-paragrafi (v) u (vi)[8] instabu *trichomes,* fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-*cannabis*;

c) Illi l-pjanti indikati fil-paragrafi (v) u (vi) f'ammont nett totali ta' 5.50 grammi mingħajr għeruq u zkuk, kienu dawk tal-*cannabis.* Il-pjanta tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-pjanta tal-*cannabis* ikun fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kif instab fid-dokument li ġie analizzat u ċioe` d-dokumenti indikati fil-paragrafi (v) u (vi) *supra.* Il-purita` ta' *Tetrahydrocannabinol* fil-pjanti u l-weraq kienet ta' ċirka 5٪. Is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. [9]

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-weraq niexef indikat fil-paragrafu (i) *supra* wkoll irriżulta pożittiv għall-preżenza tal-*cannabis* u illi dan kien f'piż ta' 1.82 grammi. Il-piż tal-pjanti fil-paragrafu (v) *supra* ġie indikat bħala traċċi.[10]

7. L-espert **Joseph Mallia** maħtur minn din il-Qorti sabiex jeleva l-impronti diġitali u palmari tal-imputat u ta' *omissis* u jagħmel eżami komparattiv

[7] Huwa evidenti illi l-espert hawnhekk irrefera erronjement għad-dokumenti 223_10_01, 223_10_02 u 223_10_03 (indikati fuq fil-paragrafi (i), (ii) u (iii)), meta fil-fatt ried jirreferi għad-dokumenti 223_10_02, 223_10_03 u 223_10_04, li kienu jikkontjenu l-kristalli ta' lewn abjad u t-trab ta' lewn abjad li għalihom tirreferi din il-konklużjoni. Dan jirriżulta ċar ukoll mill-ħames paġna tar-relazzjoni tal-istess espert li fiha jirreferi għall-eżitu tal-eżami għall-presenza tad-droga fuq id-dokumenti 223_10_02, 223_10_03 u 223_10_04 bħala negattiv.

[8] Anke hawn huwa evidenti li l-espert kien qed jirreferi għall-weraq u l-pjanti indikati fil-paragrafi (i), (v) u (vi) *supra* ossia għad-dokumenti li fir-relazzjoni tiegħu huwa jirreferi għalihom bħala 223_10_01, 223_10_05 u 223_10_06 u dan stante illi fil-paġna 5 tar-relazzjoni tiegħu (a fol. 165 tal-proċess) huwa jindika fil-pożittiv għall-presenza tat-*trichomes* l-istess dokumenti 223_10_01, 223_10_05 u 223_10_06.

[9] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 160 *et seq* tal-proċess.

[10] Ara paġna 4 tar-relazzjoni tal-istess espert (a fol. 164 tal-proċess).

mal-*lifters* esebiti fl-atti[11], esebixxa r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2013.

Mill-atti proċesswali u mir-relazzjoni tal-istess espert jirriżulta illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, *seduta stante* l-istess espert eleva l-marki tal-impronti diġitali u l-marki palmari tal-imputat u ta' *omissis*. Il-formoli tal-impronti diġitali u palmari ta' *omissis* ġew immarkati rispettivament bħala Dok. CZ u Dok. CZ 1, filwaqt illi l-impronti diġitali u palmari tal-imputat ġew dokumentati rispettivament bħala Dok. SZ u Dok. SZ 1. L-espert għamel eżami komparattiv bejn dawn l-impronti hekk elevati u l-impronti diġitali elevati kemm minn PS 74 Mark Chetcuti (għal dan il-għan l-espert Joseph Mallia irtira r-ritratti tal-*lifters* esebiti mar-relazzjoni tal-istess PS 74, a fol. 42 tal-proċess[12]), kif ukoll dawk elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes (għal dan il-għan l-espert Joseph Mallia irtira r-relazzjoni tal-istess PS 659, a fol. 71 *et seq* tal-proċess[13]).

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi wara li kkompara d-dokumenti 10 BFL 301, 10 BFL 302, 10 BFL 303, 10 BFL 304, 10 BFL 305 u d-dokumenti 10 BFL SG 1 sa 10 BFL SG 105 mad-dokumenti CZ, CZ1, SZ u SZ 1, l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

i. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 1, 10 BFL SG 5, 10 BFL SG 6, 10 BFL SG 7, 10 BFL SG 8, 10 BFL SG 8 A, 10 BFL SG 10, 10 BFL SG 11, 10 BFL SG 12, 10 BFL SG 13, 10 BFL SG 14, 10 BFL SG 16, 10 BFL SG 17, 10 BFL SG 18, 10 BFL SG 18 A, 10 BFL SG 19, 10 BFL SG 20, 10 BFL SG 21, 10 BFL SG 22, 10 BFL SG 24, 10 BFL SG 28, 10 BFL SG 29, 10 BFL SG 30, 10 BFL SG 33, 10 BFL SG 34, 10 BFL SG 36, 10 BFL SG 37, 10 BFL SG 38, 10 BFL SG 39, 10 BFL SG 40, 10 BFL SG 44, 10 BFL SG 45, 10 BFL SG 46, 10 BFL SG 47, 10 BFL SG 48, 10 BFL SG 50, 10 BFL SG 52, 10 BFL SG 54, 10 BFL SG 59, 10 BFL SG 60, 10 BFL SG 63, 10 BFL SG 64, 10 BFL SG 65, 10 BFL SG 67, 10 BFL SG 68, 10 BFL SG 69, 10 BFL SG 69A, 10 BFL SG 70, 10 BFL SG 71, 10 BFL SG 72, 10 BFL SG 73, 10 BFL SG 74, 10 BFL SG 75, 10 BFL SG 76, 10 BFL SG 80, 10 BFL SG 82, 10 BFL SG 83, 10 BFL SG 86, 10 BFL SG 87, 10 BFL SG 88, 10 BFL SG 89, 10 BFL SG 91, 10 BFL SG 93, 10 BFL SG 94, 10 BFL SG 95, 10 BFL SG 96, 10 BFL SG 97, 10 BFL SG 98, 10 BFL SG 99, 10 BFL SG 100, 10 BFL

---

[11] Ara d-digriet tat-23 ta'April 2013, a fol. 15 tal-proċess.

[12] Ara l-verbal a fol. 148 tal-proċess. Irid jingħad illi dawn il-*lifters* għal xi raġuni llum ma jinstabux fl-atti, iżda kif ser jirriżulta iżjed 'il quddiem, fi kwalunkwe każ dawn ma impinġewx fuq l-eżitu ta' dawn il-proċeduri stante illi kienu neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru eżamijiet komparattivi ulterjuri (ara l-paragrafu iii f'paġna 8 ta' din is-sentenza).

[13] Ara l-verbal a fol. 148 tal-proċess.

SG 101, 10 BFL SG 103 u 10 BFL SG 104 ġew ikkumparati mad-dokumenti CZ u CZ 1, bir-riżultat fin-negattiv;

ii. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 1, 10 BFL SG 5, 10 BFL SG 6, 10 BFL SG 7, 10 BFL SG 8, 10 BFL SG 8 A, 10 BFL SG 20, 10 BFL SG 22, 10 BFL SG 24, 10 BFL SG 67, 10 BFL SG 71, 10 BFL SG 72, 10 BFL SG 73, 10 BFL SG 74, 10 BFL SG 75, 10 BFL SG 76, 10 BFL SG 82, 10 BFL SG 89, u 10 BFL SG 92 ġew ikkumparati mad-dokumenti SZ u SZ 1, bir-riżultat fin-negattiv;

iii. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 2, 10 BFL SG 3, 10 BFL SG 4, 10 BFL SG 9, 10 BFL SG 15, 10 BFL SG 23, 10 BFL SG 25, 10 BFL SG 26, 10 BFL SG 27, 10 BFL SG 31, 10 BFL SG 32, 10 BFL SG 35, 10 BFL SG 41, 10 BFL SG 42, 10 BFL SG 43, 10 BFL SG 49, 10 BFL SG 51, 10 BFL SG 53, 10 BFL SG 55, 10 BFL SG 56, 10 BFL SG 57, 10 BFL SG 61, 10 BFL SG 62, 10 BFL SG 66, 10 BFL SG 77, 10 BFL SG 78, 10 BFL SG 79, 10 BFL SG 81, 10 BFL SG 84, 10 BFL SG 85, 10 BFL SG 90, 10 BFL SG 102, 10 BFL SG 105, 10 BFL 301, 10 BFL 302, 10 BFL 303, 10 BFL 304 u 10 BFL 305 huma neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru eżamijiet komparattivi ulterjuri;

iv. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 16, 10 BFL SG 17, 10 BFL SG 18, 10 BFL SG 18 A, 10 BFL SG 18 B, 10 BFL SG 19, 10 BFL SG 21, 10 BFL SG 36, 10 BFL SG 45, 10 BFL SG 59, 10 BFL SG 64, 10 BFL SG 69 A, 10 BFL SG 83, 10 BFL SG 88, 10 BFL SG 96 u 10 BFL SG 99 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

v. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 10, 10 BFL SG 34, 10 BFL SG 37, 10 BFL SG 46, 10 BFL SG 50, 10 BFL SG 69, 10 BFL SG 98 u 10 BFL SG 101 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

vi. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 11, 10 BFL SG 30, 10 BFL SG 33, 10 BFL SG 34, 10 BFL SG 38, 10 BFL SG 40, 10 BFL SG 47, 10 BFL SG 65, 10 BFL SG 68, 10 BFL SG 97 u 10 BFL SG 103 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

vii. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 12, 10 BFL SG 28, 10 BFL SG 29, 10 BFL SG 39, 10 BFL SG 48, 10 BFL SG 70, 10 BFL SG 100

u 10 BFL SG 104 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba taċ-ċurkett tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

viii. Illi l-impronta dokument 10 BFL SG 13 ġiet ikkomparata pożittivament u hija identika mal-marka tas-saba ż-żgħir tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

ix. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 14 u 10 BFL SG 44 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tal-pala tal-id il-leminija tal-imputat odjern;

x. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 52, 10 BFL SG 54, 10 BFL SG 60 u 10 BFL SG 91 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat odjern;

xi. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 63 u 10 BFL SG 95 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba l-werrej tal-id ix-xellugija tal-imputat odjern;

xii. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 86 u 10 BFL SG 94 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat odjern;

xiii. Illi l-impronti dokumenti 10 BFL SG 80, 10 BFL SG 87 u 10 BFL SG 93 ġew ikkumparati pożittivament u huma identiċi mal-marka tas-saba taċ-ċurkett tal-id ix-xellugija tal-imputat odjern.[14]

8. **L-Ispettur Victor Aquilina** jixhed illi fit-22 ta' Ġunju 2010, f'xi ħin wara nofsinhar, l-Iskwadra ta' kontra d-Droga rċeviet telefonata anonima fis-sens illi kienet qed titkabbar il-pjanta *cannabis* fil-fond *Spencer Store* ġewwa Triq l-Għasafar, Ħamrun. Ix-xhud jgħid illi għalkemm kien l-Ispettur Jesmond J. Borg li kien qed jaħdem fuq din l-informazzjoni, huwa assistih billi mar fuq il-post. Jgħid ukoll illi qabel it-tfittxija ġewwa dan il-fond, saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat u ta' *omissis* li rriżultat fin-negattiv. Huwa jgħid in oltre illi ttieħdet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAB 669 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, u filwaqt illi saret tfittxija fil-presenza tal-imputat, ġew elevati żewġt iċwievet. Stante illi l-pulizija kellha informazzjoni li l-pjanta *cannabis* kienet qed titkabbar fil-fond fuq imsemmi, huwa mar fuq il-post u hemmhekk ipprova

[14] Ara x-xhieda tal-espert Joseph Mallia, a fol. 151 u 152 tal-proċess u a fol. 178 sa 180 tal-proċess, l-impronta diġitali u palmari tal-imputat u ta' *omissis* esebiti a fol. 153 sa 156 tal-proċess elevati mill-istess espert Joseph Mallia fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2013, u r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia esebita bħala Dok. JM, konsistenti fi tlett (3) *archlever files* immarkati bħala Vol. 1, Vol. 2 u Vol. 3, annessi mal-proċess.

dawn iċ-ċwievet, bir-riżultat li waħda minnhom qablet u biha nfetaħ il-bieb tal-fond. Hemmhekk irriżulta li kien hemm pjanta tal-*cannabis*.[15]

9. **PC 279 Kevin Gauci** jixhed illi fit-22 ta' Ġunju 2010, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, kienet saret tfittxija ġewwa 46, Thank God, Triq iż-Żahar, Attard, fejn hemmhekk kienu sabu lil *omissis* flimkien mal-missier, ossia missier l-imputat odjern u *omissis*. Din it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Ix-xhud jgħid illi kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Ispettur sabiex jeskortawhom ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, u sar kuntatt mal-imputat li dak il-ħin ma kienx fuq il-post. Hekk kif dan wasal fil-fond in kwistjoni bil-vettura CAB 669, ix-xhud skortah lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Ix-xhud jgħid ukoll illi huwa kien għamel tfittxija f'din il-vettura, fejn fin-nofs, kienu nstabu żewġt iċwievet. Sussegwentement, flimkien mal-Ispettur Aquilina, marru fil-fond *Spencer Stores,* Triq l-Għasafar, Ħamrun, fejn fetħu l-istess fond b'waħda miċ-ċwievet misjuba fil-vettura. Ix-xhud jgħid ukoll illi hemmhekk sabu xitla, suspettata tal-*cannabis,* fi kliemu, "*kompluta bid-drip u bid-dawl*". Kien hemm ukoll xi xtieli nexfin suspettati tal-*cannabis* u diversi weraq suspettati tal-*cannabis.* Fuq il-post marru pulizija min-naħa tal-forensika, li ffotografaw u elevaw l-oġġetti misjuba.[16]

10. **PC 1348 Joseph Campbell** jixhed illi fit-22 ta' Ġunju 2010, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur, huwa mar ġewwa l-Ħamrun, quddiem il-fond *Spencer Store*, fejn qagħad għassa sakemm infetaħ. Ftit tal-ħin wara, wasal l-Ispettur Victor Aquilina flimkien mal-imputat, u infetaħ il-fond, fejn saret tfittxija. Hemmhekk instabu xi pjanti tal-*cannabis*, flimkien ma' xi affarijiet relatati mat-tkabbir tal-pjanti tal-*cannabis*. Mistoqsi dwar il-pjanta, huwa jgħid illi kienet kienet armata "*bid-dawl bl-extractor, b'kollox, kompluta*". Fuq il-post marru wkoll is-*Scene of Crime Officers* li elevaw kollox.[17]

11. **PS 1044 Gordon Calleja** jixhed illi fit-22 ta' Ġunju 2010, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Aquilina saret tfittxija ġewwa l-fond 46, Triq iż-Żahar, Attard fil-presenza ta' *omissis* u missieru George Zammit, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Wara din it-tfittxija, George Zammit, l-imputat u ħuh *omissis* ġew eskortati lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Jgħid illi huwa ma kellux iżjed involviment f'dan il-każ.[18]

---

[15] Ara din ix-xhieda a fol. 182 u 183 tal-proċess.
[16] Ara din ix-xhieda a fol. 238 sa 239 tal-proċess.
[17] Ara din ix-xhieda a fol. 237 u 237A tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda a fol. 240 u 240A tal-proċess.

12. **L-Ispettur Jesmond J. Borg** jixhed illi l-Pulizija rċeviet informazzjoni li kien qed isir kultivar tal-pjanti *cannabis* mill-imputat u minn *omissis* f'ħanut tal-merċa li kien magħluq, ossia ġewwa *Spencer Discount Store*, fi Triq l-Għasafar, il-Ħamrun. Jgħid ukoll illi huwa kien ottjena mandat ta' arrest mingħand il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, u fit-22 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tal-4.30 p.m. huwa bagħat lill-pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga sabiex jarrestaw lill-imputat u lil ħuħ *omissis*, kif fil-fatt sar u magħhom ġie arrestat ukoll George Zammit, missierhom, minn ġewwa r-residenza tal-missier. Tfittxija fir-residenza rriżultat fin-negattiv, iżda meta l-pulizija kienu qed iwettqu tfittxija fil-vettura tal-imputat, tal-għamla Fiat bin-numru ta' reġistrazzjoni CAB 669, instabu żewġt iċwievet. Dawn ġew elevati. Meta l-pulizija flimkien mal-Ispettur Victor Aquilina marru fil-fond *Spencer Store*, fil-Ħamrun, li rriżulta li kien fil-pussess ta' *omissis*, dawn iċ-ċwievet qablu u bihom infetaħ il-fond. Ix-xhud ikompli jgħid illi twettqet tfittxija fil-fond, fil-presenza tal-imputat, u hemmhekk instabet pjanta *cannabis*, li kienet matura u kemmxejn kbira, żewġ pjanti oħra li kienu nexfin u nstabu wkoll xi weraq fir-*rubbish bin*. Huwa kien informa b'dan lill-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, li fetħet inkjesta dwar il-każ u ħatret numru ta' esperti.

    Ix-xhud jgħid in oltre illi huwa kien kellem lil *omissis*, wara li ngħata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Jgħid in oltre illi huwa kien kellem ukoll lil missier ossia lil George Zammit, u kien irrilaxxjah wara li dan irrilaxxja stqarrija stante illi mill-investigazzjonijiet ma rriżulta xejn fil-konfront tiegħu. Finalment, huwa kien tkellem mal-imputat, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, li għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu.

    L-Ispettur Jesmond J. Borg esebixxa sett ta' ċwievet, li ġew elevati mill-vettura tal-imputat u li qablu mal-ħanut, *Spencer Store*. In oltre huwa esebixxa wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-23 ta' Ġunju 2010.[19]

Illi da parti tiegħu, <u>l-imputat Sean Zammit</u> ressaq is-segwenti xhieda u provi:

1. L-imputat Sean Zammit għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jgħid illi huma qegħdin żewġ aħwa – hu u *omissis*. Jgħid illi hu u ħuh ma kinux jitkellmu minħabba tfajla li kien jiffrewkenta ħuh, u dan għaliex ħuh kien jgħid illi hu ried joħroġlu magħha. Skont hu, ħuh kien jgħir għalih. Xi

[19] Stante illi minkejja li l-istqarrija ġiet esebita mill-Ispettur Jesmond J. Borg fis-seduta tat-23 ta' April 2013, din baqgħet ma nstabitx fl-atti, sussegwentement reġgħet ġiet esebita mill-Ispettur Malcolm Bondin fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2019 (ara a fol. 247 sa 249 tal-proċess). Ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg a fol. 241 sa 242A tal-proċess.

seba' snin qabel din ix-xhieda[20], madankollu, kienu reġgħu bdew jitkellmu. Jgħid in oltre illi huwa kien jagħmel xi xogħol fl-appartament ta' ħuh ġewwa Ħ'Attard stante illi huwa kien jaħdem f'*turnkey projects*, billi jagħmel xogħol ta' kisi, madum, ilma u dawl. Fiż-żmien tal-każ odjern, hu u ħuh diġa` kienu reġgħu bdew jitkellmu u kien diġa` ħadimlu fl-appartament. Jgħid in oltre illi huwa kien qed jaħdem ma' mekkanik, meta darba minnhom għall-ħabta tas-2.00 p.m. ċempillu missieru u qallu li riedu jkellmuh il-pulizija. Hekk kif huwa mar id-dar, sab lill-pulizija jistennewh u staqsewh jekk kellux xi garaxx il-Ħamrun, iżda dak il-ħin missieru stess infurmahom li kien ħuh u mhux hu li kellu garaxx il-Ħamrun. Jgħid illi hu m'għandu l-ebda garaxx il-Ħamrun u illi dan kien ta' ħuh. Iżid jgħid illi huwa ġieli daħal f'dan il-garaxx jagħmillu xi xogħol, u illi kien hemm okkażjoni li fiha ħuh qallu biex jagħmillu bozza fuq wara, stante li ma kienx qed jara biżżejjed. Jgħid illi dakinhar il-pulizija ħaduh il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u wara fil-garaxx ta' ħuh ġewwa l-Ħamrun. Jgħid illi huwa ma riedx jidħol fil-garaxx, għax dan ma kienx tiegħu, iżda meta daħal kien hemm pjanta fl-istess garaxx.

L-imputat jgħid in oltre illi dakinhar għall-ħabta tal-11.00 a.m., ħuh kien mar fuq il-post tax-xogħol tiegħu u talbu biex isewwilu x-*shutter* tal-ħanut stante li kien qabiżlu mir-*rails*. Skont hu, qal lil ħuh illi huwa ma kienx kapaċi jsewwi *shutters*, iżda ħuh baqa' jinsisti miegħu u għalhekk ħallielu ċ-ċavetta. Jgħid illi huwa lanqas kien laħaq mar fil-ħanut għaliex kien baqa' x-xogħol sakemm imbagħad mar id-dar għaliex talbu li jkellmuh il-pulizija. Iċ-ċwievet tal-ħanut kienu fil-vettura tiegħu stante li ħuh kien għadu kif tahomlu fil-11.00 a.m.

Dwar il-pjanta li nstabet fil-ħanut in kwistjoni, huwa jgħid illi huwa ma kienx jaf x'kien qed jagħmel ħuh. Fi kliemu "*L-ewwel haga li kieku bhal speci, jien qatt ma fhimt, ma kellix idea x'kien hemm fil-garaxx u fil-fatt lill-pulizija bdejt nghidilhom bhal speci dak kien grocer u ghalaq. Ghal xiex ser tehduni hemm lili? Jien x'ghandi x'naqsam?*" Jgħid illi huwa ma kienx jaf bil-pjanta, li ħuh kien qallu biex jagħmillu bozza fuq wara tal-ħanut, iżda meta huwa għamel il-bozza ma kienx hemm pjanti. Jgħid illi ħuh kien qed jarma l-ħanut għal xi kotba. Jgħid ukoll illi waqt l-interrogatorju tiegħu, huwa ma wieġeb għall-ebda domanda għax hu u ħuh kienu għadhom kemm reġgħu bdew jitkellmu, kien mismut u mbeżża'. Jgħid illi wara l-każ, u wara li anke huwa ġie akkużat, kienu reġgħu ġġieldu wara li huwa ra ċerti affarijiet, iżda wara rranġaw stante li ħuh kien ammetta miegħu illi l-pjanta kienet tiegħu.

[20] Din ix-xhieda ngħatat fit-2 ta' Diċembru 2016 (ara a fol. 194 *et seq* tal-proċess).

**In kontro-eżami**, mistoqsi kemm kien ilu ħuh li żarma l-ħanut, l-imputat jgħid illi jaħseb li ħuh kien ilu li żarma xi sena, u jikkonferma li kien għadu kif għamel il-bozza fil-ħanut sabiex jgħin lil ħuh. Skont hu, kienu għaddew xi xahar jew xahar u nofs minn dakinhar li għamel il-bozza, sakemm ġie arrestat mill-pulizija. Wara jgħid illi ma jafx eżatt kemm kien ilu li għalaq il-ħanut ħuh, iżda wara kien fetaħ ħanut bil-kotba fl-istess fond. Fiż-żmien tal-arrest, ħuħ kien għadu ser jibda jarma bil-kotba. Jgħid illi dakinhar li mar jagħmel il-bozza, kien hemm bank li jbiegħu minnu, u kien hemm xi mwejjed u siġġijiet, iżda kien magħluq u maħmuġ stante illi kien ilu ma jintuża. Jgħid illi ma jiftakarx f'liema stat kien il-ħġieġ ta' barra tal-ħanut u jekk dan kienx miżbugħ, u mingħalih illi kien hemm *shutter* tal-ħadid u warajh bieb tal-ħġieġ. Fuq suġġeriment illi kien hu stess li żeba' l-ħġieġ tal-bieb minn ġewwa sabiex minn barra ma jidher xejn, huwa wieġeb "*ghandek zball sir*". Jgħid ukoll illi meta huwa għamel il-bozza fil-ħanut, ma kien hemm xejn, ħlief *counter*, sink, *toilet* u *separation.* Ikkonferma li ra l-pjanti meta daħal fil-fond mal-pulizija u illi huwa jiftakar li kien hemm waħda. It-tnejn l-oħra ma jiftakarhomx. Li jiftakar, skont hu, kienet il-pjanta taħt il-bozza u ma jiftakarx li kien hemm żewġ pjanti oħra nexfin. Skont hu, dawn il-pjanti qatt ma messhom. Mistoqsi jekk kienx hu li għadda l-ilma għall-pjanta, jerġa' jgħid illi huwa qatt ma ra l-pjanta, u li hemmhekk kien hemm sink mal-ħajt. Meta għamel il-bozza, is-sink diġa` kien qiegħed hemm. Huwa kien qiegħed biss il-bozza.

2. **George Zammit**, missier l-imputat u *omissis*, jixhed illi dakinhar tal-każ odjern, huwa kien qiegħed fil-garaxx taħt id-dar, fejn jaħdem, sema' l-qanpiena u meta fetaħ il-bieb, sab pulizija li talbu sabiex ikellem lill-imputat. Jgħid illi huwa qallu illi l-imputat kien qiegħed ix-xogħol mal-mekkanik u l-pulizija talbu jċempillu, kif fil-fatt għamel. Sakemm ibnu wasal fuq il-post, baqgħu jitkellmu. Jgħid illi dan staqsieh jekk l-imputat kellux garaxx il-Ħamrun, u hu qallu li dan kien ta' ħuh *omissis.* Jgħid illi huwa baqa' jgħid lill-pulizija l-istess diskors fis-sens illi l-garaxx kien ta' *omissis.* Fil-frattemp wasal l-imputat, li telaq mal-pulizija. Sussegwentement, daħlu fir-residenza żewġ pulizija oħrajn u hemmhekk sabu lilu u lil *omissis.* Ġew arrestati u ttieħdu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Eventwalment kellmuh u skont hu, wara erbgħa u għoxrin siegħa ġie rilaxxjat. Kien l-ewwel wieħed li wasal id-dar, imbagħad wasal *omissis.* Jgħid illi huwa staqsieh x'kien għamel u illi dan qallu li kull ma kellu kienet pjanta tal-*cannabis* fil-garaxx tal-Ħamrun. Da parti tiegħu, irrabja miegħu u ġġieldu. Jgħid ukoll illi skont *omissis,* huwa kien semma lill-imputat mal-pulizija għalkemm ma kellu x'jaqsam xejn. Jgħid illi *omissis* stess lilu qallu li l-imputat ma kellux x'jaqsam u illi l-pjanta tal-*cannabis* kienet tiegħu. Ma qallux b'liema mod semma lil ħuh, imma qallu li huwa beża' u semma lil ħuh. Jgħid illi huwa qal lil *omissis* sabiex jitla'

l-Qorti u jgħid illi l-pjanta ma kinitx tal-imputat, iżda li kienet tiegħu, stante li l-imputat ma kellux x'jaqsam, kif ukoll illi jekk ma jgħidx il-verita`, kien ser jitla' hu jgħid il-verita`. Jgħid ukoll illi l-imputat ukoll qallu illi l-pjanta ma kinitx tiegħu. Jgħid illi bħalissa wliedu jmorru tajjeb flimkien, iżda għamlu żmien miġġieldin fuq tfajla. Anke wara l-każ kienu ġġieldu u kellu ħafna nkwiet. Dak iż-żmien *omissis* biss kien jgħix miegħu, iżda l-imputat xorta kien imur id-dar.

**In kontro-eżami** huwa jikkonferma illi għadda ċertu żmien minn meta ġew rilaxxjati sakemm eventwalment dehru l-Qorti. Mistoqsi kienx avviċina lill-pulizija biex jinfurmahom b'dak li kien jaf, huwa wieġeb illi ma kien qal xejn. Mistoqsi għalfejn ħalla dan iż-żmien kollu sabiex jagħti din il-verżjoni, huwa jgħid "*Ghax jien bdejt inhoss li xi darba Clint irid jghid hekk hux li bhal speci*" u illi dejjem kien jittama li *omissis* jitkellem hu.[21]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni tal-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi fi kwalunkwe każ, huwa ma wieġeb xejn għad-domandi li sarulu waqt l-interrogatorju tiegħu, kif wara kollox kellu kull dritt li jagħmel.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-pjanti u l-weraq niexfa tal-*cannabis* instabu ġewwa l-fond *Spencer Store* fi Triq l-Għasafar, il-Ħamrun, li mir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PC 453 Brian Cassar, jidher li kien magħluq u li ma kienx qed jintuża bħala tali. Fir-residenza tal-missier George Zammit, fejn kien jgħix ukoll *omissis*, iżda mhux l-imputat odjern, ma nstab xejn illegali. Jirriżulta in oltre illi ċ-ċavetta li permezz tagħha inkiseb aċċess għall-istess ħanut instabet proprju fil-pussess tal-imputat odjern fil-vettura li dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2010 kienet qegħda tiġi misjuqa minnu u illi huwa jgħid illi kienet tiegħu. Jirriżulta wkoll in oltre mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, illi diversi impronti diġitali elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes minn fuq il-*foil* li bih kienet imdawwra l-pjanta tal-*cannabis,* u li kienu tajbin għall-fini ta' komparazzjoni, qablu mal-impronti diġitali tal-imputat odjern, iżda l-ebda waħda ma qablet ma ta' *omissis.*

Skont l-imputat odjern, li kif ingħad, għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri, il-fond li fih instabu l-pjanti in kwistjoni kien ta' ħuh *omissis.* Dan jikkonfermah ukoll il-missier George Zammit. Dwar ir-raġuni għaliex huwa kien fil-pussess taċ-

[21] A fol. 213 sa 228 tal-proċess.

ċavetta jew ċwievet tal-fond in kwistjoni, l-imputat jgħid illi dakinhar stess, ħuh *omissis* kien għadu kif għaddielu dawn iċ-ċwievet sabiex ikun jista' jirranġalu x-*shutter* tal-istess ħanut. Skont l-istess imputat, huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-fond in kwistjoni, u wisq inqas mal-pjanta jew pjanti li kienu hemm ġew, li dawn qatt ma kien rahom u lanqas messhom. Jgħid ukoll illi huwa kien daħal fil-fond de quo xi xahar jew xahar u nofs qabel ġie arrestat, fuq talba ta' ħuh, sabiex jagħmillu bozza, iżda ma kien ra l-ebda pjanta meta kien hemmhekk u li fil-fond dakinhar ma kien hemm xejn, ħlief il-bank tal-ħanut, xi mwejjed u siġġijiet.

Missier l-imputat u *omissis* imbagħad ukoll jgħid illi *omissis* kien ammetta miegħu illi din il-pjanta kienet tiegħu, u illi kien daħħal lil ħuh fl-istorja kollha meta dan ma kellu x'jaqsam xejn, għalkemm jgħid ukoll illi ma kienx jaf eżattament kif *omissis* kien daħħal lill-imputat f'din il-viċenda kollha. Skont il-missier, anke l-imputat kien qallu illi din il-pjanta ma kinitx tiegħu.

Il-Qorti tibda biex tqis illi skont il-verżjoni tal-imputat, allura kellu jkun tassew kumbinazzjoni li kien proprju dakinhar li huwa ngħata ċ-ċavetta tal-fond in kwistjoni mingħand *omissis* sabiex b'hekk kien proprju hu u mhux *omissis* li nstab fil-pussess taċ-ċavetta tal-fond fil-jum li ġew arrestati. Il-verżjoni mogħtija mill-imputat, madankollu, ma tispjegax kif fuq il-*foil* li bih kienet imdawwra l-pjanta tal-*cannabis* fl-istess fond, instabu l-impronti diġitali u palmari tal-istess imputat, ad esklużjoni ta' *omissis.* Il-Qorti tqis illi huwa evidenti illi l-imputat ma qalx is-sewwa meta xehed f'dawn il-proċeduri, għaliex li kieku huwa verament daħal fil-fond in kwistjoni biss xi xahar jew xahar u nofs qabel ġie arrestat, fuq talba ta' ħuh *omissis*, sempliċiment sabiex jagħmillu bozza u meta ma kien hemm l-ebda pjanta, allura ma kinux jinstabu, kif fil-fatt instabu, diversi impronti diġitali u anke palmari tal-istess imputat fuq il-*foil* li kien imdawwar mal-pjanta. Mir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PC 453 Brian Cassar, tidher il-pjanta tal-*cannabis* li evidentement kienet qed tiġi kultivata sew fiż-żmien in kwistjoni, imdawwra bil-*foil* li ġie mwaħħal minn tliet naħat madwar l-istess pjanta, evidentement ukoll appożitament għall-fini ta' din il-kultivazzjoni. Mill-istess ritratti jidher ukoll illi min qiegħed il-*foil* f'din il-posizzjoni, kellu jistirah maż-żewġ ħitan u mal-ħajt diviżorju madwar il-pjanta, li jispjega perfettament kif u għalfejn instabu numru konsiderevoli ta' impronti diġitali fuq il-*foil,* liema impronti diġitali kif ingħad kienu esklussivament tal-imputat odjern u ta' ħadd iżjed. Li kieku l-imputat mar sempliċiment sabiex iwaħħal bozza, meta ma kien hemm xejn iżjed fil-fond, ma kellhomx għalfejn jinstabu ħamsa u ħamsin impronti diġitali u żewġ impronti palmari tiegħu fuq l-istess *foil.* Il-Qorti tinnota li mir-ritratti jidher ukoll illi fil-parti ta' taħt, ossia fuq l-ispeċi ta' mejda li fuqha kienet tinstab il-qasrija li tikkontjeni l-pjanta, ukoll kien hemm il-*foil* imdawwar fit-tond eżattament mal-istess qasrija, li juri li l-*foil* tqiegħed proprju u appożitament mal-istess qasrija. Dan ma jistax ħlief ifisser illi kuntrarjament għal dak li l-imputat qal fix-xhieda tiegħu, kien huwa stess li rama l-istruttura b'tali

mod li seta' jsir it-tkabbir tal-pjanta li nstabet fil-fond u fid-dawl ta' dan kollu u tal-fatt illi ċ-ċavetta tal-fond instabet proprju fil-pussess tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi illi l-kultivazzjoni kienet qed issir proprju minnu.

Dwar ix-xhieda ta' missier l-imputat, imbagħad, il-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid ħlief illi li kieku dak kollu li jgħid kien tassew minnu, allura wieħed kien jippretendi li ma jħallix kważi seba' snin sabiex jagħti l-verżjoni ta' kif allegatament seħħew il-fatti, iżda li kien imur immedjatament għand l-Ispettur li kien qed jinvestiga l-każ sabiex jgħidlu b'dan u għalhekk possibiliment jevita wkoll illi ibnu l-imputat jiġi rinfaċċjat bi proċeduri kriminali inutilment.

Fid-dawl ta' dan kollu, kif ukoll ta' dak li jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, illi l-pjanti u l-weraq niexfa misjuba fil-fond kienu proprju tal-*cannabis,* il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b) fil-konfront tal-imputat odjern jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Permezz tal-imputazzjoni (ċ), imbagħad, l-imputat ġie akkużat ukoll bl-aggravanti tad-distanza. Madankollu kull ma jirriżulta mill-atti huwa illi l-fond li fih instabu l-pjanti in kwistjoni kien jinsab ġewwa Triq l-Għasafar, Ħamrun. Ma nġabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li turi illi dan il-ħanut kien jinsab proprju f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club,* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Fi kwalunkwe każ, u kif ser jiġi kkunsidrat ukoll iżjed 'il quddiem, lanqas ma jirriżulta ippruvat illi t-tkabbir tal-pjanti in kwistjoni ma kienx esklussivament għall-użu tal-istess imputat u għaldaqstant, dan l-aggravanti ma japplikax fil-każ odjern.

Għaldaqstant, l-imputat mhux qed jinstab ħati ta' dan l-aggravju.

Finalment, permezz tal-imputazzjoni (d), l-imputat ġie akkużat ukoll bl-addebitu tar-reċidiva u dan fid-dawl ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Miriam Hayman, kif ikkonfermatha mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Madankollu, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx vera kopja jew kopja formali ta' dawn is-sentenzi u għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' l-imputazzjoni (a), jeħtieġ illi l-Qorti tqis l-emendi li daħlu fis-seħħ fil-Kapitolu 101 u fil-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta minn dakinhar li seħħ il-każ odjern. Filwaqt illi fiż-żmien mertu ta' dan il-każ, il-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* kienet meqjusa dejjem u f'kull ċirkostanza bħala li tammonta għal traffikar f'mediċina perikoluża, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, kif viġenti dak iż-żmien, li allura kienet twassal għall-piena ta' priġunerija

tassattiva, minn dakinhar il-liġi ġiet emendata diversi drabi. B'hekk bis-saħħa tal-emendi ntrodotti mil-leġislatur permezz tal-Att IV tas-sena 2020, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2020, ġie emendat l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie mħassar ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid hekk:

> Persuna li tinstab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga.

Kif ingħad, dan l-artikolu llum ġie mħassar u minflok, l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bis-saħħa tal-emendi ntrodotti jgħid hekk:

> (1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta'informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza:
>
> Iżda fil-każ ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jgħoddux. [sottolinear tal-Qorti]

Dan ifisser illi llum hija biss dik il-koltivazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, illi taqa' fid-definizzjoni ta' traffikar f'mediċina u li għaldaqstant tattira tassattivament il-piena ta' priġunerija effettiva. Permezz tal-emendi ntrodotti bl-Att IV tas-sena 2020, fil-każijiet fejn il-koltivazzjoni tkun għall-użu esklussiv tal-ħati, il-piena hija dik prevvista fl-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, salv illi l-Qorti ma tistax tapplika id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* jew l-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Madankollu riċentement, permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021, li daħal fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 2021, il-leġislatur introduċa disposizzjonijiet ġodda fil-liġi illi għal darb'oħra emendaw il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fost oħrajn, inkluż billi llum l-att tal-koltivazzjoni sa erba' pjanti tal-*cannabis*, f'ċertu ċirkostanzi, m'għadux jammonta għal reat. Hekk bis-saħħa ta' dawn l-emendi, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 illum jaqra hekk:

> 7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, il-kultivazzjoni sa erba' pjanti tad-droga kannabis, u l-pussess ta' mhux aktar minn ħamsin gramma ta' kannabis niexfa, għall-użu personali, minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena, fl-indirizz residenzjali li jidher fuq dokument uffiċjali li juri l-indirizz ta' residenza, bħal karta ta' identità jew dokument ieħor ta' identità, mhuwiex reat, u l-persuna ma għandhiex tkun soġġetta li tinżamm f'kustodja taħt arrest biss minħabba tali kultivazzjoni u pussess f'dak l-indirizz:
>
> Iżda:
>
> (a) tali kultivazzjoni ma għandhiex isseħħ fi spazju viżibbli mill-pubbliku;
>
> (b) il-Pulizija Eżekuttiva għandha f'kull każ taqbad il-kannabis niexfa li ssib fuq il-post biss jekk din tkun fl-eċċess ta' ħamsin gramma. Meta wara li ssir l-elevazzjoni tal-kannabis niexfa jirriżulta li ma jkunx hemm lok li jittieħdu proċeduri minħabba l-fatt illi l-ammont ta' kannabis elevat ikun fil-limiti ta' dak permess mil-liġi, il-Pulizija għandha tgħaddi l-kannabis maqbuda lil dik l-aġenzija jew awtorità pubblika oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza jista' b'ordni fil-Gazzetta jaħtar għal dan il-għan sabiex din tingħata lura lil sidha taħt dawk il-kondizzjonijiet illi dik l-aġenzija jew awtorità tista' tiffissa. Għandha tinżamm nota ta' dawn il-fatti:
>
> Iżda wkoll ma tkun tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Pulizija jekk wara li l-kannabis maqbuda tintiżen bi preċiżjoni jirriżulta illi din fil-fatt ma kinitx ta' kwantità li teċċedi l-ħamsin gramma.
>
> (2) Dan l-artikolu ma għandu bl-ebda mod jinftiehem li qiegħed jawtorizza l-kultivazzjoni ta' aktar minn erba' pjanti tal-pjanta tal-kannabis u dan irrispettivament min-numru ta' residenti fl-istess indirizz residenzjali u irrispettivament mir-razza ta' tali pjanti.
>
> (3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 7A, "kannabis niexfa" tfisser il-fjoritura niexfa u weraq niexef tal-pjanta tal-kannabis.

Dan ifisser illi llum, l-att tal-kultivazzjoni sa erba' pjanti tal-kannabis m'għadux meqjus bħala reat kriminali sakemm jikkonkorru l-elementi li trid il-liġi fl-

artikolu appena ċitat, inkluż illi tali kultivazzjoni tkun għall-użu personali tal-pussessur. Altrimenti jibqgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ċitat.

Issa fil-każ odjern, huwa evidenti illi l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 kif emendat u appena ċitat, ma jsibx applikazzjoni u dan stante illi minkejja li l-pjanti li nstabu fil-fond in kwistjoni ma kinux iżjed minn erbgħa, madankollu dawn ma kinux jinsabu fil-fond tar-residenza jew fl-indirizz residenzjali tal-istess imputat. Kif jirriżulta mill-atti proċesswali, il-fond in kwistjoni kien jikkonsisti f'ħanut magħluq u fih ma kien jirrisjedi ħadd. Għalhekk jeħtieġ illi l-Qorti tħares lejn id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101, b'dan għalhekk illi jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra l-provi proċesswali sabiex tiddetermina jekk il-kultivazzjoni in kwistjoni kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati jew xort'oħra.

Irid jingħad illi ma nġabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi turi li t-tkabbir tal-pjanta in kwistjoni – il-Qorti hawnhekk qed tirreferi għall-pjanta u mhux għall-pjanti stante li ż-żewġ pjanti tal-*cannabis* l-oħra li nstabu fl-istess fond kienu żgħar u nexfin – kien intiż għall-użu mhux esklussiv tal-imputat. Ma nstab xejn fil-fond jew fil-pussess tal-imputat li juri illi dan kien il-każ. Veru wkoll illi lanqas ma jirriżulta mill-atti illi l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis* fiż-żmien in kwistjoni, għajr illi mill-fedina penali kif aġġornata tal-imputat jirriżulta illi fis-sena 2008, huwa nstab ħati talli kien fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għal atti li seħħew f'Settembru tas-sena 2006, illi fis-sena 2011, huwa nstab ħati ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza għal atti li seħħew f'Settembru 2009 u f'dawk l-aħħar erba' snin, illi fis-sena 2012, huwa nstab ħati ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza għal atti li seħħew f'Diċembru 2011 u fil-ġimgħat ta' qabel, u illi fis-sena 2013, huwa nstab ħati ta' pussess tad-droga kokaina u tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għal att li seħħew f'Awwissu 2010 u matul il-jiem ta' qabel, u għalhekk din tal-aħħar proprju fiż-żmien tal-każ odjern. Dan juri għalhekk illi l-imputat kien jagħmel użu mid-droga, inkluż mill-*cannabis*. Naturalment, la darba l-imputat ħa l-linja li jiċħad illi huwa kellu xi involviment fit-tkabbir tal-pjanti in kwistjoni, huwa ma xehedx dwar l-użu li huwa stess kien jagħmel mill-*cannabis*. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi mhijiex sodisfatta illi tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu, u għaldaqstant tqis illi għandha tapplika l-proviso tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk irid jingħad ukoll għall-fini ta' kompletezza, illi l-Qorti qed tqis ukoll illi fiż-żmien in kwistjoni, jidher illi l-imputat kien qed jikkoltiva biss pjanta waħda, kif ukoll illi l-piż tal-weraq tal-pjanta, mingħajr zkuk u għeruq kien ta' 5.50 grammi, kif ukoll illi permezz tal-imputazzjoni (b), il-Prosekuzzjoni stess lanqas ma akkużat lill-imputat bir-reat ta' pussess aggravat ossia pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, iżda sempliċiment bir-reat ta' pussess sempliċi tal-pjanta *cannabis*, li

jfisser għalhekk illi lanqas il-Prosekuzzjoni ma kienet qegħda tqis illi din il-pjanta kienet qed tiġi mkabbra għall-fini ta' spaċċ.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Ġunju 2019, liema fedina penali hija waħda pjuttost refrattarja u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar reati kontravvenzjonali, talli kkaġuna feriti ta' natura ħafifa (f'żewġ okkażjonijiet), serq sempliċi u aggravat (f'diversi okkażjonijiet), reati relatati ma' sewqan taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (f'zewġ okkażjonijiet), pussess tad-droga (f'diversi okkażjonijiet) u ħsara volontarja, dwar liema l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata erba' darbiet, liberazzjoni mingħajr kundizzjoni, pieni pekunjarji ħames darbiet, sentenza ta' priġunerija sospiża darbtejn, piena ta' priġunerija effettiva u Ordni ta' *Probation*.

Il-Qorti qed tqis ukoll illi dawn il-proċeduri jirrisalu għas-sena 2010 u illi d-dewmien ma kienx imputabbli lill-imputat odjern.

Tqis in oltre in-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, l-ammont u l-piż tal-pjanti u tal-weraq mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, kif ukoll it-tibdil leġislattiv li seħħ permezz tal-emendi riċenti introdotti bl-Att LXVI tas-sena 2021 u kif illum il-leġislatur qed iħares lejn il-kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* għall-użu personali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Sean Zammit** mhux ħati tal-imputazzjonijiet (ċ) u (d) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah għal piena ta' multa ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550).

Ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta u fil-mori tal-proċeduri ossia l-ispejjeż relatati mal-ħatra tas-*Scene of Crime Officer* PS 74 Mark Chetcuti, ħlief dawk li kellhom x'jaqsmu mal-elevar tal-impronti diġitali mill-fond odjern, stante li dawn ma kinux tajbin għall-fini ta' komparazzjoni u allura ma inċidewx fuq il-ħtija tal-imputat f'dawn il-proċeduri, ammontanti għas-somma ta' erbgħa u erbgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€44.84)[22], l-ispejjeż relatati mal-ħatra tas-*Scene of Crime Officer* PC 453 Brian Cassar,

[22] Hawnhekk ġiet imnaqqsa s-somma ta' erbgħa u tletin ewro u disgħin ċenteżmu (€34.90) konsistenti fl-ispejjeż konnessi ma' ritratti *black and white* u *lifters* (ara a fol. 39 tal-proċess).

ammontanti għas-somma ta' mitejn u seba' ewro u disa' ċenteżmi (€207.09), l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti għas-somma ta' ħames mija, sitta u tmenin ewro, sitta u disgħin ċenteżmu (€586.96), l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tmienja u ħamsin ewro u seba' ċenteżmi (€258.07), u parti mill-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-espert Joseph Mallia[23], ammontanti għas-somma ta' elfejn, tliet mija u disa' ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€2309.85), b'kollox għalhekk ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet elef, erba' mija u sitt ewro, wieħed u tmenin ċenteżmu (€3406.81), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien sentejn mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[23] Il-Qorti tinnota illi fuq wara nett taż-żewġ *archlever files* Vol. II u III, li jikkontjenu parti mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia hemm żewġ kontijiet tal-ispejjeż tal-istess espert, liema spejjeż hija qed tallokahom lill-ħati f'dan il-każ bis-segwenti mod: nofs l-ispejjeż konnessi mal-elevar tal-impronti diġitali, u dan stante illi l-espert eleva wkoll l-impronta ta' *omissis* u mhux biss ta' Sean Zammit, ammontanti għas-somma ta' tletin ewro (€30), nofs l-ispejjeż relatati mal-eżami ta' 67 dokument u 46 dokument ammontanti dan in-nofs għas-somma ta' sitt mija, tmienja u ħamsin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€658.23), l-ispejjeż konnessi ma' 228 ritratt forensiku ammontanti għas-somma ta' seba' mija, ħamsa u disgħin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€795.72), spejjeż konness ma' *stationery* ammontanti għas-somma ta' tlettax-il ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€13.73), nofs l-ispejjeż konnessi mar-rapport tekniku dwar l-eżamijiet komparattivi ammontanti tali nofs għas-somma ta' mija u għaxar ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€110.41), u d-dritt tal-espert ammontanti għas-somma ta' tliet mija, disgħa u erbgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€349.41), flimkien ma' 18% VAT fuq it-total.